Minuti tal-wieħed u tlettin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali l-Gudja (bħala tkompli tal-laqgħa nru 28/7) li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar il-Ħamis 31 ta' Lulju 2014 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |

**<u>Aġenda:-</u>**

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
   a. Minuti 25/7 – 24 t'April 2014
   b. Minuti 26/7 – 15 ta' Mejju 2014
   c. Minuti 27/7 – 05 ta' Ġunju 2014

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
      i. Viċi-Sindku
      ii. Kunsillieri
   c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti

4. Jum il-Gudja 2014

5. Xogħlijiet u Progress:-
   a. Toroq oħra:- Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa.
   b. Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni
   c. Live Streaming
   d. Skema inizjattivi speċjali

6. UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress u Kontijiet

7. Finanzi:-
   a. Petty Cash;
   b. Skeda ta' Pagamenti;
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-5.50pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Nota: Peress li partijiet tal-Agenda kienu diġa ġew trattati fil-laqgħa preċedenti jkun hemm xi ommissi u n-numru juru li jkunu maqbuża.

## 1.0 Approvazzjoni ta' minuti

1.1 Minuti 27/7 – 05 ta' Ġunju 2014. Il-minuti tal-laqgħa 27/7 ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa u ġew meħuda bħala moqrija u wara ġew approvati nem con.

1.2.0 Punti li qamu mill-minuti.

1.2.1 Ġbir ta' ħwejjeġ għall-Inspire. Il-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino qal li xtaq jiċċara illi fil-fatt ma kien hemm ebda spiża għall-Kunsill peress li dawn iż-żewġ skips użati waqt dan il-ġbir ta' ħwejjeġ ingħataw mill-kuntrattur bla ħlas skont il-ftehim oriġinali meta l-Kunsill għamel il-kuntratt tal-Open Skips. Is-Sur Baldacchino fakkar li issa baqa' biss waħda li l-kuntrattur jagħti lil Kunsill mingħajr ħlas.

1.2.2 Parking bay fi Triq il-Palma. Is-Sur Baldacchino staqsa dwar il-progress fuq din it-tema. Is-Sindku wieġeb li dalwaqt sejra ssir kaxxa bajda u dan wara li jitneħħew il-marki li hemm fuq il-post.

1.2.3 Tema 1.1.4 – Ħarġa għal Għawdex f'Jum il-Gudja – menu. Is-Sur Baldacchino staqsa jekk fuq il-menu kienx hemm li wieħed jista jieħu pizza għaliex xi nies raw lil xi ħadd jiekol l-pizza u qalu li huma ma ġewx offruti din l-għażla. Is-Sindku wieġeb li sa fejn jaf huwa l-pizza ma kinitx fuq il-menu iżda seta' ġara li kien hemm min għamel xi bidla billi personalment irranġa mar-restaurant kif ġieli ġara.

## 5.0 Xogħlijiet u Progress

5.1.0 Toroq oħra:- Triq Ħal Safi u Triq Birżebbuġa.

5.1.1 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Perit Audrey Anne Bonnici (Med Design) infurmat lill-Kunsill illi għadha qed tistenna l-permess mingħand il-MEPA u dan wara li Transport Malta tagħat il-clearance tagħha.

Il-Perit qalet li kellmet is-sezzjoni tad-DNO u qalulha li qed jaħdmu fuq il-ħruġ tal-permess kif meħtieġ. In-numru tal-file tad-DNO huwa 588/14. Il-Perit infurmat ukoll illi qed taħdem fuq l-istimi u bi ħsiebha li tikuntattja l-Kunsill dwar dan kif appena dawn l-istimi jkunu lesti.

Il-Kunsill wera l-prejokupazzjoni tiegħu li l-affarijiet mixjin bil-mod wisq u jixtieq li ssir insistenza fuq kull min huwa konċernat sabiex l-affarijiet jitħaffu għaliex ma jixtieqx li jintilef ħin bla bżonn għaliex fil-fehma tal-Kunsill huma r-residenti li l-aktar qed ibagħatu speċjalment fiż-żminijiet tax-xitwa.

Il-Kunsill qabel li ssir rappreżentazzjoni lill-MEPA sabiex il-Kunsill ma jkomplix jaqa' vittma tal-burokrazija żejda.

5.2.0 Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni

5.2.1 Il-Kunsill għamel ritrattazzjoni li fiha ġie ndikat u spejgat li skont il-pjani tal-Kunsill li wara li titlesta Triq Ħal Safi isur xogħlijiet fi Triq Birżebbuġa jkun aktar għaqli li t-trejqa fil-kampanja tkun dik li tmiss sewwa sew ma' Triq Birżebbuġa u filwaqt li jitpoġġew xi bankijiet għal mistrieħ ta' min ikun qed jiffrekwenta dawn l-inħawi, issir l-konkos bl-invellar skont is-surveyor u b'hekk il-proġett ikun aktar ħolistiku u jkun jista' jitgawda aħjar u mhux li jkun hemm riskju li kull min jgħaddi min hemm ikollu bilfors jidħol fl-ilma speċjalment meta tagħmel xi ftit xita.

Dan il-proġett ta' konkos u bankijiet ma għandux jaqbeż il-€5000.00 u dan qed jiġi ffinanzjat mill-fondi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sas-somma ta' €5000.00

## 6.0 UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress u Kontijiet

6.1 Is-Sur Baldacchino qal li fil-preżent il-Kunsill qed iżomm xi parti mill-pagamenti sakemm jiġu rranġati xi xogħlijiet fuq l-art (telf ta' kulur) u l-gazebo (injam li qed jitbewwaq.

Is-Sur Baldacchino qal ukoll li wieħed mill-attrezzi (ajruplan) ġie vandalizzat u jew għandu jissewwa jew jinbidel għas-spejjeż tal-Kunsill.

Ġiet diskussa wkoll il-possibilità li meta jkunu qed issiru x-xogħlijiet meħtieġa l-playing field ma tingħalaqx kollha iżda parti minnha biss sabiex b'hekk din tkun tista' tkompli titgawda minn tant tfal speċjalment fis-Sajf.

Is-Sur Baldacchino fakkar li l-Kunsill diġa rċieva l-fondi ta' €46004.86 mill-UIF li ntużaw bħala parti mill-ispiża dwar dan il-proġett.

## 7.0 Finanzi

7.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7.3.1 Art/trejqa wara l-pitch tal-boċċi (ħdejn il-grawnd tal-Gudja United FC) li tagħti għal Triq Ħal Tarxien. Il-Kunsill qabel li din il-parti tiġi mnaddfa u jsiru fiha dawl adekwat. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Enemalta sabiex issir ix-xogħol ta' dawl u l-Kunsill jagħmel ix-xogħol dwar l-indafa billi jikri gaffa żgħira u xi skips.

7.3.2 Xogħol fi Sqaq Munxar, il-Gudja (fuq ix-xaqliba tad-dar fejn kien jgħix il-Pittur ta' fama modjali Victor Passmore). Il-Kunsill qabel li jsir xogħol sewwa ta' tindif bil-gaffa u li jsir tabella li turi fejn jgħix il-Pittur Victor Passmore qabel ma ħalla din id-dinja.

7.3.3 Zebra cross (bid-dawl fuqha) fi Triq William Baker katuniera ma' Triq il-Kappillan il-Gudja. Il-Kunsill qabel li ssir talba lit-TM sabiex issir din iz-zebra crossing sabiex ikun hemm aktar ħarsien għal min jaqsam it-triq speċjalment anzjani u tfal tal-iskola.

7.3.4 Livellar fuq il-wiċċ ta' xelter (żewġ bokok) fi Triq il-Kbira (fl-inħawi tal-mina). Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ għaliex din il-parit tal-bankina qed tkun ta' periklu u nkonvenjent għal kull min jagħmel użu mill-parit ta' din it-triq.

7.3.5 Stop sign u mera fi Triq San Ġorġ fil-ħruġ/dħul għal Vjal it-Torri. Il-Kunsill qabel u ddeċieda li jsiru kemm mera kif ukoll sinjali ta' stop signs sabiex jitneħħew il-periklu preżenti speċjalment issa li ġiet irranġata l-aħħar parti ta' Vjal it-Torri.

7.3.6 Sinjali ta' one way f'parti ta' Triq Santa Marija. Il-Kunsill iddiskuta dwar talba li saret minn xi residenti. Il-Kunsill qabel illi tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq Sta Marija minnaħa ta' Triq Bir Miftuħ sa Triq Ruzar Formosa li fiha l-Kunsill jindika li peress jidher ċar li hemm il-periklu kemm għar-residenti kif ukoll għal kull min jagħmel użu minn din il-parti tat-triq fl-inħawi ta' Triq Santa Marija li toħroġ għal Triq Bir Miftuħ, il-Kunsill ħass il-ħtieġa li jitlob lit-TM sabiex il-parti ta' Triq Sta Marija li tmiss ma' Triq Bir Miftuħ issir ħruġ biss.

Il-Kunsill qabel li r-residenti jiġu nfurmati dwar dan u r-reazzjoni tar-residenti tiġi rrapurtata lill-Kunsill sabiex ikun jista' jivvaluta aħjar ix-xewqa tar-residenti qabel ikun hemm deċiżjoni finali.

7.3.7 Xogħol fil-ġnejna fi Triq H. Pigot, il-Gudja. Il-Kunsill qabel u ddeċieda li jsiru xogħlijiet ta' riġenerazzjoni fosthom il-bdil tal-bankijiet sabiex dan il-lok ikun jista' jitgawda aħjar.

7.3.8 Qlugħ ta' siġar tal-ficus. Il-Kunsill qabel u ddeċieda li jitlob lill-kuntrattur ELC sabiex jaqilgħu żewġ siġriet tal-ficus peress li dawn qed jagħmlu ħsara.

7.3.9 Ħtieġa ta' dustbins. Wieħed Triq H. Pigot, wieħed ħdejn il-grawnd tal-futbol fl-inħawi ta' Palazzo d'Aurel u ieħor fl-inħawi ta' Bir Miftuħ. Dawn id-dustbins se jibdlu dustbins oħra li qdiemu u mhux qed jintużaw. Il-Kunsill iddeċieda li jixtru dawn it-tlett dustbins ġodda u moderni sabiex izejnu l-ambjent.

7.3.10 Dawl ma' Ġnien il-Kmand fi Triq Bir Miftuħ, il-Gudja. Il-Kunsill iddeċieda li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni sabiex issir sistema ta' dawl li jaħdem bis-solar system (LED) sabiex filwaqt li jdawwal l-inħawi, jkun ekonomiku u effiċjenti.

7.3.11 Xogħol fi Triq Ruzar Formosa li sejjer issir minn TM. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lit-TM sabiex din it-triq tiġi rranġata mhux biss bħala wiċċ ta' asflat iżda li jsir parti ċangatura bħal ma għamel il-Kunsill fl-isqaqien ġewwa l-Gudja u b'hekk it-triq ikollha dehra li tirrifletti l-ambjent fil-qalba tar-raħal sabiex it-turisti jinġibdu lejn il-Gudja.

7.3.12 Xogħol ta' konkos fi Triq BurGlat. Il-Kunsill iddeċieda li jsir xogħol ta' konkos sabiex ikun hemm aċċess aħjar f'parti minn Triq Bur Glat minn fejn il-barumbara sal-ġibjun.

7.3.13 Youth Decide Act – Clean Up fl-inħawi tal-Kappella ta' Loretu fil-Gudja. Saret diskussjoni li l-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol fil-privat iżda peress li l-art fl-inħawi tal-Kappella ta' Loretu hija art pubblika, il-Kunsill iddeċieda li jaħdem u jikkollabora mal-Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ Ms. Bugeja u l-Kunsillier inkarigat is-Sur Sammut fil-clean up li se jsir nhar is-Sibt 31 ta' Lulju 2014 billi jipprovdi open skips ħdejn il-Gun Post fl-inħawi ta' Loretu, karretta u pali u għodda oħra li dawk iż-żgħażagħ li se jieħdu sehem għaliex ġew mistiedna aktar minn mitt żagħżugħ u żagħżugħa li jieħdu sehem.

## 8.0 <u>Għeluq tal-laqgħa u aġġornament</u>

8.1 Xogħol u terrapin ħdejn il-Ġnien tal-Kmand. Il-Kunsillier is-Sur Caruana qal li kien qed jiġi nnotat li kien qed ikun hemm ħafna terrapin għal żmien twil li jkerrah l-ambjent.

Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-MEPA sabiex ma tħallix dan ikompli jsir u jitlob ukoll tagħti tagħrif lil Kunsill qabel ma twettaq xogħol ta' bankina jew kostruzzjoni fit-tarf ta' Triq Bir Miftuħ li tiżbokka ma' Dawret il-Gudja mingħajr ma ssir konsultazzjoni mal-Kunsill.

8.2 Attività mill-Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ grupp Youth Decide. Beach Sport fit-23 t'Awwissu 2014. Is-Sur Sammut qal illi sejjer jagħti aktar tagħrif dwar il-post u l-ħin ta' din l-attività fil-laqgħa li jmiss li hija skedata għan-nhar it-Tlieta 19 t'Awwissu 2014.

8.3 Youth Decide Act – Press Conference tal-10 ta' Lulju 2014. Is-Sur Sammut qal li ftit sigħat qabel ma' atwalment saret din il-press conference huwa kien ġie infurmat li din il-konferenza stampa kienet sejra titħassar.

Is-Sur Sammut qal li ma jifhimx għalfejn dan seħħ peress li din kienet miftehma u maqbula mal-Kunsill għalhekk deċiżjoni tal-Kunsill ma tistax tiġi rtirita fuq deċiżjoni unilaterali tas-Sindku.

Is-Sindku wieġeb li meta ġie, talab sabiex tiġi mħassra din il-press conference billi bagħat jinforma biss lis-Sur Sammut. Huwa għamel dan peress li ħass li la huwa u lanqas il-Kunsill b'mod ġenerali ma kellu informazzjoni ċara dwar il-messaġġ u dwar dak li kellu jseħħ f'din il-press conference.

Is-Sindku qal li meta allura ngħata din l-informazzjoni pertinenti huwa ma kellu ebda oġġezzjoni li ssir u fil-fatt din il-press conference saret u ħa sehem fiha huwa wkoll.

Il-Kunsill qabel illi fil-futur kull press conference tiġi maqbula u avżata sewwa sabiex il-Kunsill ikun infurmat sew dwar il-kontenut, il-mistiedna u dwar li se jkun jiġi sabiex jiġi evitat kull konflitt jew nuqqas ta' informazzjoni.

8.4 Attività dwar il-kiteb fit-22 t'Awwissu 2014 fl-amifteatru fi Ġnien Raymond Caruana, il-Gudja. Ms. Grech qalet li sejra ssir lejla ta' poeżija u proża mtella' mill-Kumitat Nazzjonali tal-Ktieb li tieħu madwar sigħa kollox li tibda għas-7.30pm u tispiċċa għat-8.30pm. Sehem il-Kunsill huwa li jipprovdi bibita żgħira u li jagħmel il-post disponibbli u bid-dawl meħtieġ. Il-Kunsill approva dwar dak li qalet Ms. Grech.

8.5 Korsijiet fiċ-Ċentru ta' Taħriġ, Tagħrif u Tagħlim. Ms. Grech qalet li kellha l-ħsieb li l-Kunsill itella' diversi korsijiet li jkunu ta' interess għar-residenti. Il-Kunsill qabel li dwar dan taħdem flimkien mas-Sur Caruana sabiex bil-ħidma konġunta l-Kunsill ikollu possibiltà li jsiru aktar korsijiet u mhux xi dublikazzjoni li tista' wkoll toħloq problemi minħabba kemm limitazzjoni ta' spazju kif ukoll ta' riżorsi.

8.6 Gabbani għal Jum ta' festi fil-Gudja. Il-Kunsill qabel li joħroġ permess kif sejjer jingħad:- Ikel 3, toys 2 u ġelat 1 - ħdejn l-iskola Primarja fi Triq San Mark il-Gudja u waħda tal-ikel f'Dawret il-Gudja. Jekk ikun hemm applikazzjonijiet aktar minn dak stabilit mill-Kunsill, issir polza. Il-Kunsill qabel li jagħmilha ċara li kull min jarma gabbana jkollu jżomm l-indafa u l-iġene meħtieġa u li jnaddaf il-post wara l-attività.

8.7 Gabbana tal-ikel fil-periferija ta' Triq Bir Miftuħ f'Dawret il-Gudja. Il-Kunsill ħa konjizzjoni li f'parti ta' Dawret il-Gudja (triq arterja u li tgħaqqad ma' Triq Bir Miftuħ) qed ikun hemm armat kjosk tal-ikel u li jidher li għandu wkoll permess li jieħu dawl b'mod uffiċjali.

Il-Kunsill ġie nfurmat li dan il-kjosk jidher li għandu permess ta' street hawker u mhux li jkun hemm b'mod permanenti. Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Pulizija billi titbagħat imejl lill-Ispettur u s-Supretendent tad-distrett dwar li jeżisti periklu minħabba li l-klijenti li jieqfu, qed joħolqu ostakolu kemm għal min ikun ħiereġ minn Triq Bir Miftuħ kif ukoll għal min ikun għaddej kemm isuq kif ukoll jimxi f'Dawret il-Gudja.

8.8 CCTV ġewwa l-Gudja. Is-Sindku qal li sar qbil mir-Reġjun li l-Kunsill jingħata bla ħlas 2 CCTV cameras u li l-Kunsill ikun jista' iżid aktar cameras fejn iħoss il-ħtieġa u dan bi spejjeż għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jistenna r-rapport dwar il-postijiet ta' prijorità u wara jiddeċiedi fl-aqsar żmien possibli.

8.9 Ftuħ tal-latrini pubbliċi għal waqt il-festi. Is-Sur Baldacchino qal li l-ħinijiet dwar l-għeluq sejrin jiġu estiżi u dan kif miftiehem fil-kuntratt.

8.10 Ġbir ta' karti mill-kennies waqt il-festi. Is-Sur Baldacchino qal li kemm il-kennies kif ukoll il-kuntrattur dwar ġbir ta' skart sejrin jiġu nfurmati sabiex jagħtu s-servizz meħtieġ sabiex tinżamm l-indafa kif ikun meħtieġ.

8.11 Permessi għal ħruġ ta' imwejjed u siġġijiet għal waqt il-festi. Il-Kunsill iddeċieda illi dawk il-ħwienet/każini li jitolbu permess sabiex joħorġu mwejjed u siġġijiet quddiem il-lok tagħhom għandhom jagħmlu dan skont il-proċedura stabbilità u meta jingħata l-permess ma jkunx hemm ħlas.

Il-Kunsill ħa din id-deċiżjoni sabiex ikompli jgħin fit-tixrid tal-kultura ġewwa l-Gudja li tkun tista' titgawda wkoll min kull min iżur il-Gudja. Il-Kunsill iddeċieda wkoll illi fuq talba tas-Supretendent tal-Pulizija u sabiex tiġi mħarsa l-ordini pubblika kull permess li joħroġ il-Kunsill dwar l-imwejjed u siġġijiet ikun soġġett li dawn jiġu mwarba u mneħħija waqt il-marċi u l-purċissjoni.

8.12 Attività l-Erba' staġuni . Is-Sur Caruana qal li l-attività li jmiss se ssir fix-xahar ta' Novembru 2014. Is-Sur Caruana semma wkoll li fil-fatt l-parteċipanti taw indikazzjoni ta' xi prezzijiet iżda dawn il-fuljetti ħarġu bi żball u ma kinux awtorizzati kemm minnu kif ukoll min xi ħadd taħt id-direzzjoni tiegħu. Is-Sur Caruana wera x-xewqa li jkun hemm aktar parteċipazzjoni f'dawn l-attivitajiet kemm kulturali kifukoll mużikali għaliex dawn jagħtu giħ lill-Gudja u l-organizzaturi jkollhom aktar sodisfazzjon dwar dak li jkunu qed jorganizzaw.

8.13 Post għal eżibizzjonijiet. Is-Sur Caruana qal li huwa identifika li l-kuritur tal-iskola fuq in-naħa ta' fejn hemm is-sezzjoni tal-kinder u fejn il-Kunsill għandu ċ-Ċentru ta' Tagħlim u Tagħrif, jintuża wkoll bħala lok ta' eżibizzjoni fil-weekends u meta ma tkunx użata l-iskola.

Dan jintrama l-Ġimgħa filgħaxija u jiżżarma l-Ħadd filgħaxija, ma jkunx hemm ħlas iżda kull min jeżebixxi ikun responsabbli li jieħu ħsieb il-post u li jarma u jżarma għas-spejjeż tiegħu/tagħha. L-ispiża hija żgħira u ma taqbiżx it-€300.00

Il-Kunsill approva dwar dak li qal is-Sur Caruana u qabel li jkompli jaħdem dwar dak li jkun meħtieġ jikkolabora flimkien mad-diriġenti tal-iskola u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni kif ukoll ma' min ikun ikkonċernat.

8.14 Xogħol ta' manutenzjoni fil-bini tal-Kunsill. Is-Sindku qal li minkejja kull attentat li jinsab kuntrattur sabiex jagħmel xogħol meħtieġ u li jidher li mhux xi ħaġa kbira sa issa ma kienx għadu nstab kuntrattur li offra li jagħmel dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li peress li fil-fehma tiegħu il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill għandhom l-esperjenza u l-ħila sabiex jagħmlu dawn ix-xogħlijiet taħt is-superviżjoni tal-Perit appuntata mill-Kunsill u li l-Kunsill joħroġ il-materjal u l-għodda meħtieġa, għat-twettieq ta' dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel ma' dak li ppropona s-Sindku bil-kundizzjoni illi qabel ma' l-Kunsill jerġa jibda jiffunzjana mill-bini f'nru 88 Triq Raymond Caruana, il-Perit tal-Kunsill jiċċertifika li x-xogħlijiet meħtieġa ikunu saru u li tiċċertifika li l-post huwa ta' sigurtà u tajjeb kemm għall-impjegati kif ukoll għal pubbliku li jagħmel użu u jiffrekwenta dan il-lok.

8.15 Triq San Pawl, p/o Triq il-Kbira, p/o Triq il-Fidwa, Wesgħet Anglu Dalli, Triq Birżebbuġa u Triq Ħal Safi. Pretenzjoni għal ħlas ta' €12851.45. Is-Sindku qal li kien qed jiġi mitlub mid-Denfar sabiex il-Kunsill jagħmel il-ħlas ta' €12851.45 dwar xogħlijiet li għamel id-Denfar għal WSC u li skont kif qed tallega l-WSC dawn kellhom jitħalsu mill-Kunsill.

Saret diskussjoni fejn il-Kunsill għamilha ċara illi d-Denfar qatt ma għamel talba formali dwar dan il-ħlas u l-Kunsill ma għandu ebda ċertfikazzjoni li dawn ix-xogħlijiet saru u jekk saru, il-Kunsill għadu ma ngħatax spjegazzjoni u ġustifikazzjoni xierqa għaliex għandhom jitħalsu mill-Kunsill u mhux mill-WSC.

Il-Kunsill stqarr li l-pendenza mad-Denfar Excavators Ltd hija għal ammont ferm iżgħar u għalkemm konnessa wkoll ma' talba simili l-Kunsill kien diġa għamilha ċara li l-Perit tal-Kunsill ta' dak iż-żmien qal li ma setax jiċċertifika xogħol li ma jkunx mitlub mill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li peress li jixtieq li jżomm l-aħjar relazzjoni kemm mal-Kuntrattur Denfar kif ukoll mal-WSC għandha tikiseb aktar informazzjoni u dokumentazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddelibera sewwa dwar dawn il-pretenzjonijiet u b'hekk tittieħed deċiżjoni ġusta li tkun tirrispetta d-drittijiet u pretenzjonijiet ta' kull min ikun konċernat u li tkun tirrispetta l-finanzi u finanzjament tal-Kunsill.

8.16 Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Segretarju Eżekuttiv kien infurmah illi kien ġie mitlub sabiex iħalli postu peress li kien daħal fl-età tal-irtirar.

Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu l-Kunsill qatt ma kien stipula xi data tal-irtirar tas-Segretarju Eżekuttiv preżenti s-Sur Joseph M.Formosa. Is-Segretarju Eżekuttiv dejjem qegħda dmiru sewwa u għamel l-aħjar tiegħu sabiex iġib 'il quddiem l-interessi tal-Kunsill b'mod ġenerali u l-interessi tal-Gudjani. F'dan l-istadju ma jkunx fl-interess tal-Kunsill li jitlef is-serivzz tas-Sur Formosa u il-Kunsill għandu jagħmel dak kollu possibli sabiex is-Sur Formosa li kien u għadu fis-servizz tal-Kunsill, ikompli bil-ħidma tiegħu mal-Kunsill kemm fil-kariga preżenti kif ukoll f'xi kariga oħra simili.

Il-membri kollha tal-Kunsill qablu ma' dak li qal u ppropona s-Sindku, u qablu wkoll li jagħtu kull sapport sabiex is-Sur Formosa ikompli bil-ħidma tiegħu mal-Kunsil u partikularment f'diversi proġetti ta' fejda kemm għal Kunsill kif ukoll ta' interess għall-Gudja. Il-Kunsill jinsisti li għandha tinżamm l-awtonomija tal-Kunsill u li jkun hemm ukoll l-aħjar relazzjoni kemm mal-impjegati tal-Kunsill (billi jiġi osservat dak li jkun mifthiem anke jekk xi snin ilu) u f'dan il-każ tinkiseb l-għajnuna tad-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex tinsab soluzzjoni fl-aħjar interess ta' kull min huwa kkonċernat.

8.17 Awguri għall-festa ta' Santa Marija – 15 ta' Awwissu 2014. Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri kollha f'isimhom personali kif ukoll f'isem il-Kunsill u f'isem l-istaff kollu tal-Kunsill temmew il-laqgħa billi bagħtu l-isbaħ xewqat lir-residenti u l-poplu kollu tal-Gudja għal din il-festa tant għażiża għalihom.

***Aġġornament***

Peress li l-materja kollha fuq l-aġenda ġiet eżawrita s-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 19 t'Awwissu 2014 fis-5.45pm fuq Aġenda li tiġi ċirkulata għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa. Il-laqgħa ngħalqet fit-8.35pm.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | John-Mary Calleja |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Approvati:-